DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI MEĦUDA BI FTEHIM KOMUNI BEJN IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-31 ta' Mejju 2010

dwar il-post tas-sede tal-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)

(2010/349/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI,

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 341 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 341 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju.

(2) Il-post tas-sede tal-Uffiċċju tal-BEREC għandu jkun iddeterminat,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) għandu jkollu s-sede tiegħu f'Riga.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni ġhandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2010.

Il-President

P. L. MARÍN URIBE

[1] ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1.